MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 293/2009

**A B bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri C D nominata b'digriet tal-5 ta' Ottubru 2009**

**-vs-**

**Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Veronica Rossignaud li b'digriet tat-23 ta' Frar 2010 gew nominati kuraturi deputati ghall-assenti E D;**
**F sive G I; u**
**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku;**
**u b'digriet tat-13 ta' April 2010, il-P.L. Veronica Rossignaud giet sostitwita bil-P.L. Louisa Tufigno;**
**u b'digriet tad-29 ta' April 2010, il-kuraturi deputati Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Louisa Tufigno gew estromessi mill-kawza stante li assuma l-atti l-istess konvenut E D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B ghan-nom tal-minuri C D fejn din, wara li ppremettiet:

Illi fit-tnejn (2) ta’ Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) twieldet lil A B, il-minuri C, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid numru elf, sitt mija, tnejn u sebghin (1672) tas-sena elfejn u disgha (2009), hawn anness u mmarkat bhala Dok. A, liema certifikat tat-twelid jindika bhala missier l-imsemmija minuri lill-intimat E D;

Illi meta twieldet l-imsemmija minuri, ir-rikorrenti nomine u l-intimat E D kienu ilhom separati *de facto* minn Jannar tas-sena 2006. Minn dak iz-zmien, ir-rikorrenti u l-imsemmi intimat qatt ma regghu ltaqghu u ghalhekk ma kien hemm l-ebda kuntatt bejniethom;

Illi permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ghoxrin (20) ta’ Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B, fl-ismijiet A B bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri H D -vs- E D et (Rik. Gur. Nru. 33/08 JA), gie deciz illi t-tarbija, bl-isem ta’ H, li twieldet lir-rikorrenti nomine fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007), registrata originarjament bhala bint l-intimat E D, hija fil-fatt il-wild naturali tal-intimat F sive G I;

Illi in oltre permezz ta’ sentenza ohra moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-hdax (11) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C, fl-ismijiet A B -vs- E D (Rik. Gur. Nru. 200/08 NC), gie deciz illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005), kien null u minghajr effett fil-ligi;

Illi l-imsemmija minuri C twieldet minn relazzjoni li r-rikorrenti nomine kellha mal-intimat l-iehor F sive G I u dan kif jirrizulta ukoll mir-rapport tad-*DNA Paternity Test*, hawn anness u mmarkat bhala Dok. D;

Illi ghalhekk l-intimat E D m’huwiex il-missier naturali tal-minuri C, izda huwa l-intimat F sive G I li huwa l-missier naturali tal-istess minuri;

Illi r-rikorrenti nomine taf b’dawn il-fatti personalment;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, l-attrici titlob sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li t-tarbija li twieldet lir-rikorrenti nomine nhar it-tnejn (2) ta’ Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009), bl-isem ta’ C, m’hijiex il-wild naturali tal-intimat E D, izda l-wild naturali tal-intimat l-iehor F sive G I.

Tordna ghalhekk lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att tat-twelid tal-imsemmija minuri C D, numru elf, sitt mija, tnejn u sebghin tas-sena elfejn u disgha (1672/2009), sabiex il-paternita’ tal-istess minuri tigi korrettement rispekkjata fl-istess att, u dan billi jigu mhassra u kkancellati mill-istess att ta’ twelid, il-konnotati kollha tal-intimat E D u minflok jigu l-konnotati tal-intimat l-iehor F sive G I.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament, l-esponent jirrileva illi huwa m’huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat, senjatament dwar il-paternita’ tal-minuri C D, u ghalhekk dwar il-mertu huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti salv pero’ li l-provi migjuba ghandhom ikunu l-ahjar u kif ukoll sodisfacenti f’ghajnejn il-ligi;

Illi minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrent trid teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta’ stat tal-minuri C D ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha;

Illi subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghal fuq espost, qed jigi rilevat li sabiex tintlaqa' t-tieni talba tar-rikorrenti, l-intimat F sive G I jrid jispecifika permezz ta' nota guramentata (i) id-dokument tal-identita' tieghu, (ii) l-eta' tieghu meta twieldet il-minuri C, (iii) il-post fejn twieled, (iv) il-post fejn kien joqghod meta twieldet it-tifla C, (v) isem u kunjom missieru u (vi) jekk missieru kienx haj jew mejjet meta twieldet it-tifla *de quo*. Dawn id-dettalji huma mehtiega biex jigu inseriti fl-att tat-twelid numru 1672 tas-sena 2009;

Illi bla hsara ghas-suriferit, il-partijiet kontendenti jridu ukoll jiddeciedu liema kunjom ha tassumi l-imsemmi minuri C fl-eventwalita' li tintlaqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti. Dan qed jigi rilevat in ottika tal-Artikolu 92 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi finalment dejjem minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghaldaqstant huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti nomine li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat in-nota guramentata ta' F sive G I fejn dan qal:

Li permezz taghha qieghed jammetti t-talbiet attrici u ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi qieghed jiddikjara li huwa bin K u J I, it-tnejn hajjin, u li huwa missier it-tifla C.

Meta twieldet it-tifla huwa kellu 36 sena u kien jirrisjedi f'*ommissis (post)*.

Rat id-digriet tat-23 ta' Frar 2010, li permezz tieghu gew nominati Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Veronica Rossignaud bhala kuraturi ghall-assenti E D.

Rat id-digriet tat-13 ta’ April 2010, li permezz tieghu, il-P.L. Louisa Tufigno issostitwiet lill-P.L. Veronica Rossignaud.

Rat ir-risposta tal-istess kuraturi deputati fejn dawn eccepew:

Illi f’dan l-istadju, l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rapprezentat. F’dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti sabiex tipprovdilhom kull indirizz inkluz dak elettroniku u/jew numru tat-telephone tal-assenti sabiex jkunu jistghu jikkomunikaw mieghu.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Qieset illi permezz tal-provi prodotti, partikolarment dawk xjentifici, ir-rikorrenti rnexxielha teghleb il-presunzjoni legali u fil-fatt uriet illi l-att tat-twelid tal-minuri ma jirriflettix l-istat ta’ fatt.

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri C li twieldet fit-2 ta’ Mejju 2009 m’hijiex wild naturali ta’ E D izda hija wild naturali ta’ F sive G I.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex fl-Att tat-Twelid Nru. 1672/2009, ghandhom jithassru l-konnotati E D u minflok jitnizzlu l-konnotati ta’ F sive G I, Nru. Tal-Karta tal-Identita’ *omissis (K.I. Nru)*, ta’ eta’ ta’ 36 sena, imwieled u residenti *ommissis (post),* iben K u J I, it-tnejn hajjin.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn A B.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------